# IL-MEWT TAL-GĦASFUR TA' LESBIA

*(Mill-Ingliż ta' J. H. Frere).*

*Lugete, o Veneres*
Carm: III. CATULLUS.

Intom ilkoll, ja tal-Imħabba ħbieb,
W ilkoll ħelwin u tajjeb imrobbija,
Nies safja lkoll, ta' qalbkom iftħu l-bieb
Għall-bxara li se' ntikhom ta' mogħdrija:
L-għasfur tal-bejt ta' sidti, msejken miet,
Dmugħ xerrdu, għalhekk, għall-inqas żewġ qatriet.
Ċkejkun u ħlejju, kemm kien għażiż
Dan il-fessud u maħbub għasfur,
Ma' dwar il-kamra dejjem idur,
Il fuq jittajjar u kollu qbîż.
Inbagħad kien jiġi b'riħ ta' buffura
Biex hemm jeqaflek, bla jarġa' lura,
Għand sidti fil-ħobb
Li kien dlonk iħobb,
Bħal gewwa bejta jiskenn ġo' fih,
Tarbija donnu dan is-sabiħ,
Jaħbilek fommu
Gewwa ħdan ommu.
U lilha ma jħallix, ma jmur għand ħadd,
U la jitħarrek, la jitniffes qatt;
La jpespes għal ħadd, ħlief biss għaliha,
W issa, kif qalu, li dik ix-xbieha
Ħelwa ta' għasfur
Dlonk għandha tmur
Fil-qiegħ, għal dejjem, tad-dlamijiet
Minn fejn, kif igħidu, ma reġgħet ġiet
Ebda ruħ ta' maħluq. Kemm fiha dwejjaq
Din il-ħalja ta' Mewt għalina l-ħlejjaq.
Oh xi krûha, oh x'inkejja,
X'fehma ta' ras,
Ta' deh'n nuqqas,
Li minn quddiem għajnejha
Taħtaf, ja mewt, dak il-għażiż, ħanin
Għasfur u tieħdu hemm isfel mal-mejtin,
Fid-dalma tiegħek waħxija.
X'ħasra ta' mîn jibkiha!
Imsejknin għajnejn Lesbia, imsejken wiċċha,
Il-ħelu wiċċ: bil-biki kif sarilha,
Aħmar, imbergħen minn mindu ħadtilha,
Ja Mewt, dan il-għasfur u l-għasfur spiċċa.

A. C.

# MASTRU ĠAKBU

Ftit baqa' skrapan bħalu u fi żmieni kont naf mija. Kamra waħda aktarx fid-dlam kollha xkafef mgħobbija bil-forom tal-għowda, rombli tal-ġlud fl-irkejjen, xi santa megħmuża mal-ħajt bit-taċċi, bank jew tnejn fil-baxx u l-imgħallem u l-lavranti jew bil-qegħda fil-bieb jew barra għal kollox.

Mastru Ġakbu, kienet tgħid ziti, għadu minn dawk li mietu qabel. Ħxajjen, xagħru mżewwaq bil-ħjut tal-fidda, imsellef minn wara biex jinġibed il-fuq u jgħattilu ftit mill-qargħa. Nadif, barra minn dufrejh dejjem imberflin bl-iswed għax ix-xama' tal-ispag u l-vinazz ma jmurx kif ġieb u laħaq. Libsa tas-sarġ xitwa u sajf, żarbun wasgħa,bokka di lupu,tal-Barbant imniżżel u mgħattan f'għarqbejh. Tagħarfu ġej minn kantuniera bogħod b'dawk il-ħaljin barbetti, qabda suf fuq ħaddejh u lħitu mqaxxra: dari ma kontx tista' tkun skarpan bla barbetti, donnha s-sengħa kienet trid hekk. Fil-ħanut kien jaħdem b'nuċċali miksi bil-ħajt iswed fuq imnieħru biex ma jinġeraħx.

Iżda natihulek raġel taz-zokkor, ħajtu xogħol u taħbit imma kelma m'hix xierqa minn fommu ma toħroġx. Il-lum xogħol ħafna u fejda żgħira għax aktarx għal xi tiswija n-nies baqgħet tfittxu.

Oqgħod għax għad għandu ħbieb tat-tajjeb!

Dieħel għandu s-sur Fred, in-nutar.

—Saħħa mgħallem,

—Ara s-sur Fred, merħba bik manifk, ġejt biex tara fiex inhuma t-tiswijiet tat-tfal? Dawk is-subien, Alla jħarishom minn kull għajn, donnhom għefiered. Jidħnuhom iż-żraben, u la nagħal u la taċċi, jistradikaw kollox.

—Xi trid tagħmel, Mastru Ġakbu, aħjar hekk jew morda. Jien ġejt l-aktar biex nieħu qies ta' żarbun għalija. Fhiex aħna fil-ġlud?

—Ġild, sur Fred? Għadni kif daħħalt irkaptu mill-aħjar li hemm il-belt. Miss dan-nagħal donnu fagu, miss dal-ġild donnux kamoxx. Għal dan ħalli f'idejja. Poġġi, ħa neħodlok il-qies. Majru, farfar is-siġġu ħalli joqgħod il-manifku.

Is-sur Fred intasab bil-qegħda u qala' ż-żarbuna tal-lemin. Mastru Ġakbu qabadha f'idejh u darilha dawra mal-